**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 802/2022 JVC**

**David Francis Azzopardi (K.I. 70240A)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti David Francis Azzopardi talab kif isegwi:

'1. Illi r-rikorrent, twieled fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u sittin (1960) f'Newcastle under Lyme fir-Renju Unit, u ingħata l-isem ta' "David Francis Azzopardi" filwaqt illi isem u

kunjom ta' missier ir-rikorrenti kien indikat bħala "Francis Azzopardi" u l-isem u l-kunjom l-omm kien indikat bħala "Shirley Ann Azzopardi nee Thursfield wife of the said Francis Azzopardi" u dan kif jirriżulta minn **Dok A** hawn anness;

2. Illi Francis Azzopardi, flimkien ma' martu Shirley Ann Azzopardi nee Thursfield, ossia l-ġenituri tar-rikorrenti, flimkien ma' binhom David Francis Azzopardi, għexu għal diversi snin l-Ingilterra, fejn twieled ir-rikorrenti, bir-rikorrenti fil-fatt għandu ċittadinanza Ingliża (vide **Dok B**);

3. Illi jirriżulta li fil-ħdax ta' Ottubru tas-sena elfejn disgħa mija tlieta u tmenin (11.10.1983) permezz ta' deed poll (hawn annessa w mmarkata bħala **Dok C**), liema deed poll huwa regolat b'mod legali mir-Renju Unit, David Francis Azzopardi abbanduna l-kunjom "Azzopardi" u permezz tal-istess iddikjara li l-kunjom il-ġdid tiegħu huwa "Thursfield", u li għalhekk permezz ta' liema huwa ġie magħruf u ddikjarat illi ismu huwa 'David Francis Thursfield'. Minn dak iż-żmien sal-lum ir-rikorrenti kien dejjem u konstantament magħruf b'dan il-kunjom, ossia "Thursfield" u mhux aktar bil-kunjom "Azzopardi";

4. Illi minn dakinhar ir-rikorrenti qatt ma' reġa' uża l-kunjom preċednti "Azzopa"di" u dejjem indika ismu bħala "David Francis Thursfield";

5. Illi l-esponenti huwa wkoll ċittadin ta' Malta, u ilu hekk ċittadin sa mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erbgħa w sittin (1964) (vide **Dok D** anness), llum residenti Malta (vide **Dok E** anness);

6. Illi għalhekk jeħtieġ li tiġi regolata l-pożizzjoni tar-rikorrenti sabiex tirrifletti ismu propju u cioe' David Francis Thursfield, b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi f'kull att tal-Istat Ċivili tar-rikorrent sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tiġi krejata konfuzjoni;

7. Illi din it-talba qegħdha ssir ai termini tal-Artikolu 253 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun:

1. Tiddikjara li l-kunjom korrett tar-rikorrenti huwa filfatt "Thursfield";
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dak kollu neċessarju sabiex tali tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti jiġi rifless f'kull att tal-Istat Ċivili relattivi fejn ir-rikorrenti jiġi ddikjarat bħala "David Francis Thursfield";

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi in kwantu r-rikorrent jgħid li qed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi **din l-azzjoni hija improponibbli** stante li in effetti, l-att tat-twelid tiegħu għadu mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. L-artikolu 253(1) jgħid testwalment li "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-

reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi." It-talba tar-rikorrent għalhekk ma tista' tinkwadra bl-ebda mod taħt dan l-artikolu, stante illi la qed tintalab korrezzjoni f'att li huwa rreġistrat, u lanqas qed jiġi allegat illi d-Direttur intimat irrifjuta li jirreġistra l-att tat-twelid tar-rikorrent;

2. Illi in vena preliminari wkoll, tenut kont tal-fatti tal-każ, l-esponent jissottometti illi l-azzjoni tar-rikorrent kellha tkun imsejsa fuq l-artikolu **257(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili għandu jkollha s-setgħa illi tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid ta' persuna u fuq kull att ieħor tal-istat ċivili li fih jidhru l-isem u l-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex l-imsemmi tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom ikun magħruf qabel issir ir-reġistrazzjoni tal-Att relattiv u għalhekk, la darba **din l-azzjoni kellha tinbeda quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili**, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern;

3. Illi fi kwalunkwe każ, sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna kif proposta taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 254 tal-istess Kodiċi, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ, liema pubblikazzjoni ċertament illi ma tistax issir qabel jiġi rreġistrat f'Malta l-Att tat-Twelid Britanniku tar-rikorrent *ad verbatim*, ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, u tiġi pprezentata kopja tal-istess Att tat-Twelid lokali fl-atti ta' dawn il-proċeduri;

**4.** Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**5.** Illi mir-rikors promotur jidher illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrent maħruġ mir-Renju Unit, ir-rikorrent twieled fit-13 ta' Jannar tas-sena 1960 fi Newcastle under Lyme, u li mat-twelid ingħata l-isem David Francis Azzopardi, iżda fil-11 t'Ottubru tas-sena 1983, permezz ta' *deed poll*, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mir-rikorrent u mmarkata 'Dok C', huwa bidel kunjomu minn Azzopardi għal Thursfield. Tali bidla hija riflessa fil-passaport Britanniku tar-rikorrent, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok B';

**6.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

**7.** Illi l-esponent ma jistax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni sakemm l-istess *deed poll* ma jiġix rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirreġistra atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku, huwa obbligat li

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**8.** Illi fiċ-ċirkostanzi, filwaqt illi jerġa' jagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**9.** Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva illi d-*deed poll* ippreżentata mir-rikorrent jeħtieġ li tiġi apostillata mill-Awtoritajiet Britanniċi, u dan sabiex tiġi aċċertata l-awtentiċità tal-istess dokument;

**10.** Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna t-tibdil rikjest minnu, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**11.** Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**12.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 34 tal-proċess.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrent fejn effettivament fid-'deed poll' esebit a fol. 7 tal-proċess jidher li appuntu r-rikorrent ma għadux kunjomu Azzopardi ġewwa r-Renju Unit iżda għażel li jieħu l-kunjom "Thursfield".

Illi l-Qorti rat ukoll din il-bidla hija wkoll riflessa fil-passaport Brittaniku tiegħu, esebit a fol. 9 tal-proċess. Din il-bidla ġiet ukoll riflessa fil-karta tal-identita' tiegħu maħruġa mill-awtoritajiet Maltin esebita a fol. 11 tal-proċess.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent hija ġustifikata w'ser tgħaddi sabiex tibqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-kunjom korrett tar-rikorrenti huwa "Thursfield";

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dak kollu neċessarju sabiex tali tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti jiġi rifless f'kull att tal-Istat Ċivili relattivi fil-potter tad-Direttur intimat, fejn ir-rikorrenti jiġi indikat bħala "David Francis Thursfield";

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Lulju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Lulju 2023**